MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Numru 417/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOHANN J FENECH**

**VS**

**FRANCIS CALLUS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Francis Callus, bin il-mejtin Michelangelo u Agatha nee' Callus, imwieled Attard nhar l-20 ta' Frar, 1969, u residenti fil-fond numru 76, Hezekiah, Triq iz-Zurrieq, Safi, detentur tal-karta tal-identita' numru 105669 (M);

Akkuzat talli nhar it-2 ta' Mejju, 2006 ghall-habta ta' 14:10hrs, fi Triq Dun Guzepp, Safi:

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PC 270 J Zerafa, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

2. U aktar talli ngurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq PC 270 J Zerafa, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PC 270 J Zerafa, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku, skond kif iccertifikat Dr M Aoudi MD mill-Isptar San Luqa;

4. U aktar talli m'obdiex l-ordnijiet legittmi tal-Pulizija jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom;

5. U aktar talli insulenta bi kliem lil PC 270 J Zerafa, persuna nkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku;

6. U aktar talli kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, storbju, glied, dagha jew mod iehor, u qal kliem oxxen fil-pubbliku;

7. U fl-ahharnett talli saq il-vettura tieghu tal-marka *Lada Samara* bin-numru tar-registrazzjoni BBE 103, kontra s-sinjal tal-*one way* waqt il-hinijiet tal-iskola.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet ix-xhieda prodotta.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 95, 96, 221, u kif ukoll 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ssibx lill-imsemmi mputat Francis Callus hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tilliberah minnhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------